# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 5**

**Avviz numru 134/01/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Sharlene Cauchi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (LM852.54,0) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Sharlene Cauchi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A '1' u A "2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar, 2000 (Dok. B) u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-22 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**